# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 31 ta' Mejju, 2002.**

**Numru**

**Citaz. numru 1200/95 GV**

**Onor. Alfred sive Freddie Micallef**

**vs**

**Victor Camilleri**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI : IC-CITAZZJONI ATTRICI**

1. B'citazzjoni, l-attur ippremetta illi l-konvenut bhala editur tal-gurnal "Il-Mument" fil-harga tal-istess gurnal tas-27 ta' Awissu 1995, ippubblika artikolu bi prominenza fl-ewwel faccata tal-gurnal intestat "Alfred Sant Ma Jinterressahx mill-Passat" li bih ta malafama lill-attur billi attribwilu fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu u d-disprezz tal-pubbliku ; illi fl-artikolu imsemmi l-konvenut allega li l-Bank of Valletta kien hareg flus biex isir materjal ta' propoganda mill-attur bl-insinwazzjoni cara ghall-qarrej

ordinarju li l-attur kien ikkommetta abbuz fiz-zmien meta kellu responsabbilitajiet ministerjali ; illi din l-insinwazzjoni mhix veritjera u kienet intiza biss biex taghmel hsara lill-attur ; illi l-attur bhala parti offiza ghandha d-dritt ghad-danni kkontemplati fl-Att dwar li Stampa [Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta] – talab (1) li l-Qorti tiddikjara li l-konvenut ta malafama lill-attur bl-istampat surriferit u (2) li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi determinata f'ammont li ma jeccedix Lm2000 bhala danni. Bl-ispejjes.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. B'konvenut eccepixxa illi fl-artikolu in kwistjoni ma hemm xejn malafamanti fil-konfront tal-attur. Il-fatt li saret il-"cushion" kif tidher fir-ritratt, li giet moghtija lil xi anzjani rikoverati f'Has Serh huwa fatt li l-esponent lest li jipprova l-verita' tieghu. Il-kummenti li saru fl-artikolu huma "fair comment" permessi mil-Ligi, mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittjiet tal-Bniedem.

**IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI**

3. B'sentenza tat-2 ta' Ottubru 1996, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talbiet attrici u wara li ddikjarat li stampat in kwistjoni libelluz u malafamanti fil-konfront tal-attur, ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm900 in linea ta' danni.

4. Illi l-esponenti hass ruhu aggravat b'din is-sentenza u minnha qed tinterponi appell quddiem dina l-Qorti.

**L-APPELL TAL-KONVENUT**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza fuq l-aggravju segwenti :-

(i) Dwar il-fatti :-

(a) Irrizulta mill-provi l-fatt ikkontestat illi l-"cushion" riprodott fir-ritratt, li nhadmet mill-Ghaqda Zaghzagh Handikappati, giet imqassma lill-uhud mir-residenti ta' Has Serh ;

(b) Illi r-ritratt jirriproduci fedelment u korrettement il-"cushion" li attwalment tqassment f'Has Serh li fuqha kien fiha l-kliem **"B'hajr : il-Ministru Freddie Micallef"** ; b'kitba ikbar **"Socjalizmu Jfisser Hniena"** u b'kitba izghar **"Bank of Valletta"**.

(ii) L-artikolu jikkonsisti fl-allegazzjoni ta' fatt illi f'Has Serh gew imqassma numru ta' "cushion" bhal dik riprodotta fir-ritratt ; hemm imbaghad kummenti dwar dan il-fatt rilaxxjati minn Dr. Alfred Sant, Kap tal-Opposizzjoni, u mill-Bank of Valletta u kumment ta' Dr. Frank

Bartolo, Direttur Amministrattiv ta' Has Serh dwar dak li l-gazzetta ssejjah "propoganda partiggjana socjalista".

L-ewwel Qorti qalet fis-sentenza illi "l-implikazzjoni f'dan l-artikolu hi cara u timplika lill-attur f'dan l-abbuz li kien isir meta hu kien ministru fiz-zmien tal-Gvern Socjalista. Dan hu malafamanti."

L-ewwel Qorti la qalet kif waslet ghal din il-konkluzjoni u lanqas ghaliex. Bir-rispett kollu, l-esponenti jissottometti illi la hemm din l-implikazzjoni u kieku hemm, din l-implikazzjoni certament ma saritx mill-konvenut izda semmai minn min ghamel il-"cushions". Kull ma ghamel il-gurnal kien li ppubblika ritratt tal-"cushion" minghajr ma zied jew naqqas xejn.

L-ewwel Qorti ziedet illi "Mill-provi prodotti rrizulta illi l-fatti (sottlinear tal-esponenti) li fuqhom il-konvenut ibbaza l-artikolu tieghu mhumiex sostanzjalment vera u ohrajn ma gewx ippruvati. Jirrizulta li l-attur qatt ma talab flejjes lill-Bank, lanqas ma gie offrut flus minn xi Bank u lanqas ma kellu x'jaqsam mal-produzzjoni jew tqassim ta' dawn il-cushions". Izda l-esponenti jistaqsi fejn fl-artikolu gew allegati dawn il-fatti? Fejn jintqal fl-artikolu li l-attur talab xi flus lill-Bank jew li l-Bank offrielu flus? Fejn fl-artikolu gie allegat li l-attur ipproduca hu jew qassam hu dawn il-cushions f'Has Serh?

Il-fatt kien illi dawn il-cushions b'kitba propagandistika partiggjana fuqha tqassmu f'Has Serh u l-konvenut appellant ta opportunita' lill-Kap tal-Opposizzjoni, lill-Bank of Valletta u lill-amministrazzjoni ta' Has Serh biex jikkummentaw dwar dan il-fatt. Sar attentat biex l-attur ukoll jaghti l-kummenti tieghu izda dan kien imsiefer. L-artikolu ma kienx attakk fuq l-attur izda fuq il-politika ta' tmexxija ta' Has Serh fiz-zmien l-amministrazzjoni ta' Gvern Socjalista. L-attur dahal fil-kredu ghax ismu gie stampat mill-Ghaqda Zaghzagh Handikappati fuq dawn il-cushions li ghamlu. Minn meta dawn il-cushions gew imqassma i.e. 1987, sad-data tal-artikolu i.e. Awissu 1995, wiehed ghandu josserva li f'dawn it-tmien snin, l-attur ma jirrizultax li harrek lill-Ghaqda Zaghzagh Handikappati ghall-malafama jew b'xi mod iehor hareg xi rettifika jew spjegazzjoni.

Ghalhekk kuntrarjament ghall-konkluzjoni tal-ewwel Qorti, l-appellant ma kellux u m'ghandux jipprova fatti li ma allegax. L-uniku fatt li allega gie ppruvat.

(iii) L-ewwel Qorti ezaminat l-<u>implikazzjonijiet</u> li johorgu minn dan il-fatt u qalet li dawn l-implikazzjonijiet huma malafamanti. L-esponenti jissottoemtti bir-rispett kollu li din il-kunsiderazzjoni tal-ewwel Qorti mhix korretta ; ghax kif jista' jkun illi l-fatt allegat huwa veru u gie ppruvat – u ghalhekk mhux libelluz – izda l-implikazzjonijiet derivanti minn dan il-fatt huma libelluzi? Semmai u ghal massimu, il-persuna in kwistjoni ikollha

d-dritt ta' risposta jew spjegazzjoni taht l-Art. 21 tal-Ligi tal-Istampa izda mhux id-dritt li tfittex ghal-libell.

(iv) Mis-sentenza tal-ewwel Qorti ma johrogx car jekk il-libell sarx bl-allegazzjoni tal-fatt jew mill-kummenti derivanti minnu. Il-fatt illi l-ewwel Qorti kkunsidrat fit-tul meta kummenti huma libelluzi u ttrattat il-kriterji addottati mill-gurisprudenza recenti tal-Qrati taghna dwar dan il-punt iwassal ghall-konkluzjoni logika illi l-ewwel Qorti sabet il-kummenti u mhux l-allegat fatt libelluz. Izda l-Qorti ma ndikatx liema kienu dawn il-kummenti libelluzi ; jidher illi l-ewwel Qorti sabet l-implikazzjonijiet u mhux il-kummenti libelluzi.

L-appellanti jissottometti illi kummenti u implikazzjonijiet mhumiex l-istess haga. Implikazzjonijiet huma deduzzjonijiet li wiehed jista' jigbed minn fatt ; kummenti huma kummenti u ma jistghux jissejhu kummenti jekk ma jkunux riprodotti fil-kitba ppubblikata.

L-appellant jissottometti li l-uniku kumment fl-artikolu hu fis-sens li t-tqassim tal-cushions f'Has Serh kien jammonta ghall-propaganda partiggjana socjalista ; ma' dan il-kumment wiehed jista' jaqbel jew ma jaqbilx izda qatt ma jista' jkun kumment libelluz ghax huwa mibni fuq il-fatt ippruvat illi f'Has Serh tqassmu l-cushions bil-kitba fuqhom kif riprodott.

(v) Nonostante s-sottomissjonijiet tal-paragrafu precedenti, l-esponenti ser jittratta wkoll il-materja ta' meta kumment jitqies "fair" u meta ma jitqiesx hekk.

Fis-sentenza Onor. Lorry Sant vs Victor Camilleri (Appell Civili deciz 14.2.94) il-Qorti tal-Appell qalet li "ghandha tippermetti latitudini fil-kritika li tista' tkun mhux biss azzardata entro i termini accettati tad-dicenza permissibbli f'socjeta' demokratika." Il-Qorti imbaghad ikkunsidrat li kumment li huwa intiz biex jaghti interpretazzjoni anke jekk ghal kollox pregudikata u partiggjana ta' fatti li graw "huma fil-limiti li ser jinghad aktar l-isfel, esercizzju legittimu, anki jekk jista' jkun kontro-produttiv, jekk ma jsirx b'mod ghaqli u bilancjat. F'dan l-apprezzament, il-Qorti ttendi ghall-konvinciment illi ma jirrizultax fl-artikolu l-animus injuriandi, il-maliciuos intent, li trid il-Ligi biex tigi eradikata b'success l-azzjoni ta' libell. Il-Qorti hi tal-fehma illi l-principji fuq enuncjati ghandhom jigu liberament applikati f'dawn il-kazijiet fejn :

1. Il-persuna li lejha tkun indirizzata l-kritika tkun ta' certa notorjeta' pubblika ;

2. Fejn il-kritika tkun ta' interess pubbliku anke jekk tikkoncerna l-hajja privata tal-persuna pubblika ; u

3. Fejn il-kritika tkun bazata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri.

F'dawn il-kazi, l-Qorti ghandha tippermetti latitudini fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa, imma wkoll azzardata entro i limiti accettati tad-decenza permissibbli f'socjeta' demokratika. Dan ghaliex temmen li s-sanzjoni vera ghal kritika ngusta jew esagerata li tirrizulta bla bazi hi finalment it-telf tal-kredibilita' tal-persuna li tkun qed taghmel il-kritika ………

Fis-sentenza Mons Anton Gauci vs Michael Schiavone et (Appell Civili deciz 8.11.1995), wahda mill-aktar sentenzi recenti in materja, l-Qorti tal-Appell ikkonfermat in toto l-principji enuncjati fis-sentenza surriferita.

Ma hux ikkontestat illi l-attur huwa figura pubblika, ex ministru tal-Gvern, deputat fil-Kamra tar-Rappresentanti u "shadow minister".

Lanqas ma hu kkontestat illi l-artikolu jittratta dwar sptar pubbliku, jew ahjar dar ta' rikoveru tal-anzjani, u kif ghandu jitmexxa. Huwa pacifiku wkoll il-fatt li l-cushions tqassmu lill-uhud mir-residenti ta' Has Serh.

L-esponenti jissottometti illi l-kummenti u l-konkluzjonijiet li l-konvenut ghamel fl-artikolu huma legittimi u permissibbli u bl-ebda mod ma jaqbzu l-parametri stabbiliti fiz-zewg sentenzi fuq ikkwotati.

Fl-ahhar nett, l-esponenti jirreferi ghas-sentenza Handyside Judgement (Series A, No. 24, page 23) tal-European Court of Human Rights :

"The Court has to recall that Freedom of Expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and for each individual's self fulfilment ….. it is applicable not only to information or ideas that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no democratic society".

Ghal dawn il-motivi u l-konvenut appellant talab illi dina l-Qorti tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Ottubru 1996, u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad it-talbiet attrici.
Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TAL-ATTUR**

5. L-appellat wiegeb hekk :-

A. Il-gravami tal-appell

Il-gravami ewlenin tal-konvenut appellant jidher li jikkonsistu f'dawn :-

(a) huwa ma allegax il-fatti lilu attribwiti u kwindi m'ghandux x'jipprova ;

(b) li l-kumment fl-Artikolu li l-cushions tqassmu f'Has Serh ma huwiex wiehed libelluz ghax dejjem skond hu "huwa mibni fuq il-fatt ippruvat (sottolinear tal-esponenti) illi f'Has Serh tqassmu l-cushions bil-kitba fuqhom riprodotta ;

(c) li l-kummenti tieghu kienu "fair", "legittimi" u "permissibbli".

B. Is-sentenza

(a) L-ewwel Qorti gustament irrilevat illi fil-harga tal-gurnal tal-20 ta' Awissu 1995, il-qarrejja gew mistiedna biex jaqraw l-artikolu li kellu jigi ppubblikat fil-harga tal-Hadd sussegwenti li kien ser jitratta dwar abbuzi fl-Elezzjonijiet Generali li kienu jsiru taht is-Socjalisti f'Has Serh ;

(b) L-implikazzjonijiet u inferenzi cari li jemanu mill-qari tal-artikolu – referibbilment ghat-tqassim ta' materjal tal-propaganda fl-isptar San Vincenz De Paule – bl-enfasi fil-produzzjoni tar-ritratt ta' cushion f'zewg hargiet konsekuttivi tal-gurnal – jikkostitwixxu malafama in kwantu jimplikaw lill-esponenti fl-hekk imsejjah abbuz – produzzjoni u tqassim

tal-cushions – meta kien maghruf li l-esponenti kien Ministru u kandidat tal-Gvern tal-gurnata ;

(c) Gie precizat ukoll mill-Qorti illi “mill-provi prodotti jirrizulta li l-fatt li fuqhom il-konvenut ibbaza l-artikolu tieghu mhumiex sostanzjalment vera u ohrajn ma gewx ipprovati”.

Illi nonostante dak kollu rilevat mill-Qorti ta’ prim’istanza u cioe’ illi “l-intenzjoni tal-artikolist ma kienitx biex tinstab il-verita’ kollha izda li jaghmel insinwazzjonijiet u sopposizzjonijiet fuq fatti li ma gewx verifikati” – il-konvenut anke fl-istadju tal-appell b’testadargini superlattiv jissokta jishaq illi huwa pprova l-uniku fatt illi allega.

Invece rrizulta bl-aktar mod lampanti illi :-

(a) huwa ma vverifika xejn u ma kkonduca l-ebda indagini ;

(b) li lanqas issostanzja bi prova wahda certa u konklussiva illi l-cushion kien intiz bhala materjal ta’ propaganda u li l-istess prodott “tqassam lill-anzjani f’Has Serh fi zmien Gvern Socjalista” ;

(c) Dan in-nuqqas jidher aktar accentwat meta jigi kunsidrat illi l-konvenut iddefenda ruhu bl-accertazzjoni li kien lest jipprova l-verita’ ta’ fatti relattivi ghat-tqassim lill-anzjani.

Huwa inkoncepibbli, imbaghad, meta hu stabbilit dan kollu, kif l-istess konvenut jippretendi li l-kitba tikkostitwixxi "fair comemnt".

Kif gia' gie ritenut "biex tirnexxi din l-eccezzjoni jrid ikollha bhala bazi ta' kull kritika u kumment il-fatti u anzi "fatti veri fil-kompletezza taghhom ghax fin-nuqqas …… ma tistax lanqas biss tigi kontemplata" – "Anglu Fenech, proprio et nomine vs A. Montanaro et noe" App. Civ. 21 ta' Jannar 1993.

Dwar il-kumplament l-appellat jirreferi ghall-osservazzjonijiet kontenuti fin-nota tieghu fil-prim'istanza.

**IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

6. Dan l-appell hu dwar citazzjoni dwar malafama permezz ta' stampat li l-attur appellat jallega li sofra in konnessjoni ma kitba b'ritratt maghha li dehret fil-harga tal-gazzetta "Il-Mument" in data tas-27 ta' Awissu 1995 – ara fol 6 tal-process - u fejn allura huwa talab danni ai termini ta' l-Att dwar l-Istampa, Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi l-ewwel Qorti rrespingiet l-eccezzjoni tal-editur Victor Camilleri, il-konvenut appellant, u, wara li laqghet it-talbiet ta' l-attur, ikkundannat lill-appellant ihallas danni fl-ammont ta' disa' mitt lira Maltija (Lm900).

7. Il-konvenut appellant adduca s-segwenti aggravji, igifieri

(i) li l-uniku fatt li huwa allega fl-artikolu inkriminat gie ppruvat u, kwindi, bil-maqlub ta' dak li gie konkluz mill-ewwel Qorti, hu la kellu u lanqas ghandu jipprova fatti li ma allegax.

(ii) illi l-uniku kumment maghmul fl-artikolu de quo kien wiehed "fair" u wiehed accettabbli f'dik il-latitudini fil-kritika li tista' ssir fid-dawl ta' l-ahhar gurisprudenza in materja kemm dik lokali, kif ukoll dik estera, kompriza dik enuncjata mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

8. L-artikolu de quo huwa intestat bil-kliem "Alfred Sant ma jinteressahx il-passat" b'tipi hoxnin. Imbaghd, b'tipi icken, hemm ukoll il-kliem "il-process elettorali fir-residenza ta' l-anzjani" li jipprecedu t-titlu u dan huwa segwit bil-kliem "…… mohhu biss fl-elezzjoni li gejja". L-artikolu huwa stampat bi prominenza fl-ewwel pagna, akkompanjat b'ritratt ikkulurit ta' "cushion" jew imhadda ta' kulur bajdani b'inkwadratura hamra mad-dawra f'forma ta' qalb bil-kliem ta' lewn ahmar "B"hajr tal-Ministru Freddie Micallef – Socjalizmu jfisser Hniena – Bank of Valletta". Ezattament taht dan ir-ritratt hemm il-kliem "il-cushion li kien tqassam lill-anzjani f'Has Serh fi zmien il-Gvern Socjalista u li kien sponsorjat mill-Bank of Valletta."

9. Mill-provi prodotti jemergi li gej :-

(i) bhala fatt kien minnu li tali mhadded gew imqassma fir-residenza ta' l-anzjani li hemm fil-kumpless governattiv ta' San Vincenz de Paule ;

(ii) li dan il-"cushion" sar u tqassam b'inizjattiva ta' l-Ghaqda Zaghzagh Handikappati ;

(iii) li l-attur kien jokkupa l-kariga ta' Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali taht Gvern Laburista fis-snin bejn l-1984 u l-1987. Li taht il-Ministeru tieghu kien jaqa' wkoll ic-Centru Hidma Socjali li hemm f'Santa Venera fejn kienu jattendu "trainees" handikappati tad-'Day Centres' ;

(iv) <u>li l-attur ma kellu x'jaqsam xejn ma din l-inizjattiva</u> dwar it-tfassil u/jew tqassim ta' dawn il-"cushions" u wisq anqas qatt ma talab xi flejjes mill-Bank of Valletta rigwardanti dawn il-"cushions" ;

(v) li fl-ebda waqt ma kien hemm xi kuntatt min-naha ta' l-Editur konvenut ma' l-attur in konnessjoni mal-artikolu <u>de quo</u>.

10. Illi din il-Qorti tibda billi tosserva li biex tasal ghad-decizjoni taghha kellha qabel xejn taghmel analizi oggettiva <u>tal-fatti kollha</u> kif dawn irrizultaw mill-provi, indipendentement jigifieri minn dak li seta'

soggettivament ikkonkludew il-partijiet kontendenti (ara wkoll id-decizjoni recensjuri ta' din il-Qorti moghtija fis-16 ta' Jannar 2002 fil-kawza fl-ismijiet "Dr. J. M. Fenech vs L. Cauchi et"). L-artikolu in kwistjoni jidher li jabbina il-kitba u r-ritratt fl-ambitu tat-tema koncernanti l-Elezzjoni Generali li kienet riesqa u partikolarment il-process elettorali fir-residenzi ta' l-anzjani. L-isfond proprju ta' l-artikolu huwa f'forma ta' kumment "dwar materjal ta' propoganda socjalista li tqassam fi zmien il-Gvern Socjalista". Billi fuq il-"cushions" fuq imsemmija deher ukoll l-isem tal-Bank of Valletta, jidher li l-editur hass li ghandu jaghmel serje ta' domandi lic-Chairman ta' dan il-Bank. Domandi ohrajn gew rivolti lill-Kap ta' l-Opposizzjoni ta' dak iz-zmien l-Onor Dr. Alfred Sant, kif ukoll lis-Supretindent ta' San Vincenz de Paule, Dottor Frank Bartolo M.D. <u>L-ebda taghrif jew kjarifika simili pero' ma jidher li gew rivolti jew mehuda minghand l-attur</u>. Mill-artikolu <u>de quo</u>, il-Qorti nnutat li fost id-domandi li saru mill-kittieb ta' l-artikolu lid-Dirigenti tal-Bank of Valletta kien hemm minnhom dwar "kemm kien hareg fi flus il-BOV ghal dawn il-"cushions" ; sarux affarijiet simili ghal Ministru jew Deputati ohrajn." Illi fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, ir-rabta bejn dawn id-domandi u l-attur, li ismu jissemma' fuq il-"cushions", gja' Ministru taht Gvern Socjalista, hija wahda evidenti u dan allura b'konnessjoni ta' ghoti ta' flus minn Bank li kellu certi responsabbilitajiet lejn l-azzjonisti tieghu meta bi flus qieghda ssir, ossija tigi mqassma f'residenza ta' l-anzjani f'idejn il-Gvern ta' "materjal ta' propoganda partiggjana socjalista". Jekk qatt kien hemm xi dubbju dwar dak li kien qed jigi implikat fl-artikolu de

quo jkun bizzejjed li jsir accenn lejn il-provi prodotti – kif jemergi kemm mix-xhieda mhux kontradetta ta' l-attur, kif ukoll mill-harga precedenti tal-istess publikazzjoni "Il-Mument" in data tal-20 ta' Awissu 1995 li tinsab ukoll esebita f'dawn l-atti – fejn deher l-istess ritratt u artikolu iqsar, fl-ewwel pagna, bit-titlu "Ir-residenzi ta' l-anzjani fi zmien is-Socjalisti", u li jispicca bil-paragrafu segwenti,

"Dwar l-abbuzi fl-Elezzjonijiet Generali li kienu jsiru taht is-Socjalisti f'Has Serh ara artikolu ta' Dione Borg".

Fil-fatt l-artikolu <u>de quo</u>, mertu ta' din il-procedura, jidher li gie miktub proprju minn dan Dione Borg. Mis-suespost ghandu kwindi jirrizulta sufficjentement li l-artikolu ried jabbina l-fatti kif hemm esposti mal-persuna ta' l-attur f'kuntest ta' abbuzi f'forma ta' "corrupt practices" kommessi waqt "l-Elezzjonijiet Generali li kienu jsiru taht is-Socjalisti f'Has Serh". Minn kif wasal biex jinkiteb dana l-artikolu ghandu jirrizulta wkoll sufficjentement li l-kittieb ma kienx verament interessat li jipproduci artikolu msejjes fuq fatti li huma lkoll kemm huma veritjeri, ghaliex minn imkien ma jirrizulta l-involviment fihom da parti ta' l-attur. Jidher evidenti li l-kittieb ftit li xejn kien jinteressah li jiehu l-verzjoni tal-persuna direttament milquta b'dan l-artikolu, jigifieri l-attur. U minn dan allura ghandu jsegwi li dak li inferiet l-ewwel Qorti kien korrett, jigifieri li

> "Ghalhekk ma jistax ikun hemm "fair comment" fuq fatti li sostanzjalment m'humiex vera u li ma gewx pruvati"

kif ukoll li,

> "u jidher li l-intenzjoni tal-artikolist ma kienitx biex tinstab il-verita' izda li jaghmel insinwazzjonijiet u supposizzjonijiet fuq fatti li ma gewx verifikati."

Anzi, f'dan il-kaz partikolari l-agir tal-konvenut, bhala l-persuna legalment responsabbli ghall-istampat, kienet akbar ghar-raguni li, filwaqt li huwa ha l-briga li jistaqsi u jindaga diversi persuni, ghazel li jinjora jew jiskarta kompletament lill-persuna li giet attakkata u malafamata. Kif gustament intqal fis-sentenza gja' citata (vide supra) fl-ismijiet "Dr. J. M. Fenech vs L. Cauchi et", ghalkemm f'dawn l-ahhar snin gie registrat zvilupp sinjifikanti hafna f'dak li huwa twessigh tad-dritt ta' l-espressjoni fid-dawl ukoll tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, u kif dawn gew interpretati fil-gurisprudenza nostrana u dik li evolviet mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem,

> "Madankollu f'dan l-izvilupp essenzjali l-istampa ma nghatat ebda passaport ta' immunita' billi tibqa' dejjem il-htiega li jinzamm sens ta' proporzjoni bejn il-liberta' ta' espressjoni u c-censura tal-malafama. Dejjem jehtieg li jinzamm bilanc bejn il-bzonn li f'socjeta' demokrattiva jithalla spazju sufficjenti ghal-liberta' li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, <u>ma l-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, unur u l-isem tajjeb li kull persuna f'socjeta' demokratika ghandha kull dritt li tgawdi</u>". (sottolinear tal-Qorti).

Kitba mibnija fuq nofs veritajiet tista' facilment twassal ghall-malafama, aktar u aktar meta dan ikun sar intenzjonalment. L-ebda "fair

comment" ma jista' tabilhaqq jitqies li hu gust meta jigi msejjes fuq fatti, li ghalkemm ikun in parte veritjeri, ikunu fl-istess waqt inkompleti.

Illi ghalhekk l-ebda wiehed mill-aggravji ta' l-appellant konvenut ma huwa fondat ;

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-ismijiet fuq imsemmi kif moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 1996 tichad l-appell tal-konvenut appellant bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Dep/Reg

mg